A.L. 70 ta' l-1991

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ (ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi ta' l-Ivjaġġar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 100 ta' l-1990.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi ta' l-Ivjaġġar) u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi ta' l-Ivjaġġar), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 1990.

Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Rata ta' taxxa.

8. (1) Għandha tintalab Taxxa fuq l-Infiq mix-xerrej li tingħabar mill-bejjiegħ bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas għall-provvista tas-servizzi skedati speċifikati fis-sezzjoni A tal-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att.

(2) Għandha tintalab Taxxa fuq l-Infiq mix-xerrej li tingħabar mill-bejjiegħ bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz imħallas jew li għandu jitħallas fi flus Maltin għall-provvista tas-servizzi skedati speċifikati fis-Sezzjoni B tal-Partita 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att:

Iżda għall-fini tal-ġbir tat-taxxa li titħallas taħt dan il-paragrafu, "bejjiegħ" għandha tiftihem li tfisser min ikun qiegħed iħaddem uffiċċju tal-kambju, jew negozjanti awtorizzati:

Iżda wkoll, ebda flus ma għandhom jiġu hekk kambjati sakemm il-Formuli tal-Kontroll fuq il-Kambju preskritti ma jkunx fihom it-timbru u n-Numru ta' Reġistrazzjoni ta' min ikun reġistrat skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.".